**13 ta' Marzu, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Emmanuele Filletti

versus

Dolores Filletti

**Separazzjoni Personali — Art. 56, 57, 58, 65, 668, 670, 564, 865 u 866 tal-Kodiċi Ċivili — Meta Applikabbli.**

*Il-liġi tħalli f'idejn il-Qorti jekk, avut rigward għaċ-ċirkostanzi tal-każ, id-disposizzjonijiet kontenuti fl-artikoli 56, 57 u 58 tal-Kodiċi Ċivili għandhomx jgħoddu, f'kollox jew biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, jew jekk għandhomx jgħoddu għal ħadd minnhom. Tħalli wkoll f'idejn il-Qorti, dejjem skond iċ-ċirkostanzi, jekk għandhiex tiġi mogħtija jew le lill-mara s-setgħa imsemmija fis-subartikoli 1 u 2 ta' l-artikolu 65 ta' l-istess Kodiċi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, billi l-konvenuta rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju, inġurju gravi, theddid, u sevizzji, u billi għadha sal-lum tgħix ma' raġel ieħor; u hu ġie awtorizzat jipproċedi għal dina l-kawża b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tad-disgħa (9) ta' Marzu 1963 — talab illi, minħabba r-raġunijiet fuq esposti: (a) tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontenden

ti u (b) jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet spettanti lilha a tenur tal-artikoli 56 u 668, 670, 564, 865, 866 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu applikabbili għall-każ, bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċedura quddiem, is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili.

Rat in-nota ta' l-eċċessjonijiet li biha l-konvenuta opponiet illi kien l-attur li ta lok għas-separazzjoni bejniethom u li konsegwentement tilef id-drittijiet kollha fuqha minħabba sevizi, inġurji gravi, adulterju u moħqrija, salvi eċċezzjonijiet oħra, kompriża dik li l-attur ma jistax jagħmel din l-azzjoni stante li ma ġietx esibita kopja tad-digriet li awtorizzah jaġixxi.

Rat is-sentenza mogħtija fit-8 ta' Jannar, 1964, mill-Qorti fuq indikata li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur u ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għall-adulterju tal-konvenuta u nġurja gravi da parti ta' l-attur u ġew dikjarati applikabbli kontra l-konvenuta d-dekadenzi kontemplati fl-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili mbara dik tas-sub-inċis (b) ta' l-istess artikolu, u ġie ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu ħdax il-parti minn erbatax (11/14) mill-konvenuta u l-kumplament mill-attur — wara li dik il-Qorti kkunsidrat.

Illi, għalkemm l-attur ma esibix maċ-ċitazzjoni kopja tad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili; huwa esibih ma tul il-kawża, u d-difensur tal-konvenuta ddikjara li mhu sejjer jeċċepixxi ebda nullita dwar l-istanza.

Illi fil-meritu, irriżulta, mill-ammissjoni stess tal-konvenuta; illi hija kkommettiet adulterju ma' diversi rġiel fosthom ma' wieħed li damet miegħu mas-sittax il-sena. Il-kontendenti ilhom miżżewġin, bla tfal, tnejn u għoxrin sena

u sseparaw di fatto mal-ħames snin wara ż-żwieġ.

Irriżulta illi l-attur għal xi tlett darbiet kellu konfidenzi, permezz ta' tokkamenti biss, ma ġuvintur u tkellem magħhom b'mod laxxiv. Avvolja l-konvenuta hi adultera din il-kondotta ta' l-attur għandha titqies f'din il-kawża.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta u l-petizzjoni tagħha għar-riforma ta' dik is-sentenza billi tiġi konfermata f'dik il-parti li biha ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba l-ħtija taż-żewġ partijiet u ġew applikati l-effetti kontemplati fl-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, ħlief għas-sub-inċis (b), kontra l-istess konvenuta appellanti, billi jiġi, invece, dikjarat u deċiż li l-ħtija ta' l-attur kienet akbar min tal-konvenuta appellanti u, konsegwentement, u f'kwalunkwe każ id-dekadenzi kontemplati fl-imsemmi artikolu 56, partikolarment dawk imsemmijin fis-sub inċis (ċ) u dawk imsemmijin fl-artikolu 65, jiġu applikati ukoll kontra l-attur appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li biha ssottometta illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti, u in kwantu għal kap tal-ispejjeż kif deċiż mill-ewwel Qorti, issottometta illi peress li l-konvenuta appellanti ma talbitx ir-revoka ta' din il-parti tas-sentenza, dina għandha titqies li għaddiet in ġuidicato.

Rat l-attijiet kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha l-konvenuta ssottomettiet li kien l-attur li ta lok għas-separazzjoni personali minħabba adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u nġurji gravi u li, konsegwetement, hu tilef id-drittijiet kollha tiegħu fuqha. Hija kwindi, impliċitament invokat favur tagħha u kontra żewġha l-konsegwenzi tas-separazzjoni personali kontemplati fl-artikoli 56, 58, 59, 62, 63 u 65 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-Qorti ta' l-ewwel istanza ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għall-ħtija sew tal-konvenuta sew ta' l-attur; iżda f'miżura akbar da parti tal-konvenuta — adulterju da parti tagħha u nġurja gravi da parti ta' l-attur — u applikat biss il-konsegwenzi kontemplati fl-artikolu 56, barra dik imsemmija taħt (b) kontra l-konvenuta biss.

Dina nterponiet appell minn dik is-sentenza għal żewġ raġunijiet:

1. Għaliex, kif hija tippretendi, il-ħtija ta' l-attur hi pjuttost iktar gravi min tagħha, billi, kif hi tallega, kien hu li nduċiha għall-adulterju bil-moħqrija tiegħu, u bl-inġurji u theddid li kien jgħamlilha u billi kien ukoll iresqilha rġiel.

2. Għaliex ma ġewx applikati kontra l-attur il-konsegwenzi kontemplati fl-imsemmi artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, partikolarment dik imsemmija taħt l-ittra (ċ) u l-konsegwenzi kontemplati fl-artikolu 65 tal-Kodiċi Ċivili.

Din il-Qorti, fuq il-provi li ġew prodotti min parti waħda u mill-oħra, waslet għall-konklużjoni li tabilħaqq kif mill-evidenza wriet l-ewwel Qorti fl-appellata sentenza, il-

ħtija tal-konvenuta hi wisq akbar min-dik ta' l-attur, u inveru, skond il-provi, dana kellu għal tliet darbiet konfidenzi ma rġiel konsistenti f'tokkamenti laxivi u ma' rġiel oħra għal darbtejn diskorsi disonesti; fil-waqt li l-konvenuta, skond l-istess xhieda tagħha, ikkommettiet adulterju ma diversi rġiel u ma wieħed minnhom damet tgħix sittax il-sena u għalkemm xehdet li f'dan l-aħħar żmien qetgħet minnu, iżda ammettiet li baqgħet tkellmu u tidher fil-pubbliku miegħu. In kwantu għall-akkuża li għamlet lill-attur fis-sens li kien hu li spinġiha għall-adulterju, dina ma ġietx soddisfaċentement pruvata. Għalhekk f'dan ir-rigward is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ma timmerita l-ebda ċensura.

Riferibilment għat-tieni motiv ta' l-appell, meta r-raġel u l-mara jkunu t-tnejn ħtija ta' egħmil li jagħti lok għas-separazzjoni personali, il-liġi (artikolu 60, Kodiċi Ċivili) tħalli f'idejn il-Qorti jekk, avut rigward għaċ-ċirkostanzi tal-każ, id-disposizjonijiet kontenuti fl-artikolu 56, 67 u 68 tal-Kodiċi Ċivili għandhomx jgħoddu f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għal oħra biss, jew jekk għandhomx jgħoddu għal ħadd minnhom. Tħalli wkoll f'idejn il-Qorti dejjem skond iċ-ċirkostanzi jekk għandhiex tiġi mogħtija jew le lill-mara s-setgħa msemmija fis-sub-artikoli 1 u 2 ta' l-artikolu 65 ta' l-istess Kodiċi (artikolu 66).

L-ewwel Qorti, bl-użu ta' l-imsemmija diskrezzjoni, evidentement irriteniet illi ċ-ċirkostanzi li kienu rriżultawlha kienu tali li jissuġġerixxu l-applikazzjoni kontra l-konvenuta biss, u mhux ukoll kontra l-attur, tal-konsegwenzi imsemmijin fl-artikolu 56 barra dik indikata fis-sub-artikolu (b), evidentement minħabba l-imsemmija ħtija ta' l-attur, u, għall-istess raġuni, mhux ukoll l-effetti kontemplati fl-artikolu 57, u ma applikatx l-effetti ta' l-artikolu 65 favur

il-konvenuta presumibilment minħabba l-ħtija akbar da parti tagħha.

Din il-Qorti, wara li kkunsidrat sewwa ċ-ċirkostanzi li rriżultaw mill-provi, tħoss li għandha taqbel mal-mod kif l-ewwel Qorti wżat mil-fakolta lilha mogħtija biċ-ċitati artikoli 60 u 66 tal-Kodiċi Ċivili, ħlief għall-amministrazzjoni tal-ħwejjeġ (mhux dotali) tal-konvenuta u għall-kapaċita tagħha li toqgħod fil-kawżi riferibilment għall-amministrazzjoni ta' dawk il-ħwejjeġ, u dan minħabba l-fatt li għażżmien ta' sbatax il-sena li ilha separata di fatto mill-attur, hi eżerċitat negozju ta' bażaar u dejjem amministrat hi l-proprjetà li wirtet mingħand ommha, mingħajr opposizzjoni ta' l-attur, billi rriżulta li dan għamlilha opposizzjoni biss meta riedet tbiegħ xi wħud minn dawk il-beni.

Għaldaqstant:

Tilqa' l-appell fis-sens biss li tirriforma s-sentenza denunċjata billi tiddikjara li bħala konsegwenza tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti saret applikabbli wkoll in parti d-dispożizzjoni kontenuta fl-artikolu 65 tal-Kodiċ Ċivili fis-sens biss, iġifieri, li l-konvenuta tista' tamministra l-ħwejjeġ tagħha mhux tad-dota u toqgħod fil-kawżi biss riferibilment għal dik l-amministrazzjoni; fil-waqt li tikkonferma l-istess sentenza għall-bqija. u tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu kwantu għal ħames parti minn sitta mill-konvenuta appellanti u kwantu għal parti waħda mill-attur appellat.